# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju 2001.**

**Numru 5**

**Citaz. numru 14/92 DS**

Anna Sammut armla, u Anthony, Franco u Doreen, xebba, lkoll ahwa Sammut
vs
Sammy Meilaq bhala Chairman u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks u Dottor Yana Micallef Stafrace LL.D. u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici L.P. b'digriet tad-9 ta' Dicembru 1991 nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` assenti Stork Services BV ta' Hengela, Nederland; u b'digriet tas-6 ta' Lulju 1998 gie ordnat li minflok l-isem ta' Sammy Meilaq kull fejn dan jirrkorri jidhol l-isem tal-Professur Noel Zarb Adami; u b'digriet tas-7 ta' Marzu 2000 gie ordnat li minflok l-isem ta' Dr. Noel Zarb Adami kull fejn jirrikorri jidhol l-isem ta' John Cassar White

Illum, 16 ta' Lulju 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-6 ta' Jannar 1992 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi fl-4 ta' Dicembru 1989 fil-bacir numru sitta (6) maghruf ukoll bhala "Red China Dock" tal-Malta Drydocks, gara incident fatali li fih mietu Valentinu Sammut, Frank Scicluna u Angelo Farrugia, li kienu qed jahdmu fuq dock arm li waqghet ghall-isfel fil-bacir b'kollox, waqt li kienu qed jaghmlu xoghol lilhom addett mill-konvenut Sammy Meilaq nomine bhala impjegati tat-tarzna, fuq dock arm provduta u armata mill-konvenuti l-ohra noe.

Illi ghal dan l-incident fatali huma responsabbli l-konvenuti nomine jew min minnhom, minhabba nuqqas ta' hila fl-arti u s-sengha taghhom, u minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti, jew ghax ma pprovdewx a "safe system of work", ma hadux il-prekawzjonijiet mehtiega, jew addirittura issuplixxew makkinarju u impjant difettuz, jew naqsu li jimmuntaw dan il-makkinarju jew impjant skond l-arti u s-sengha, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi bil-mewt ta' zewg u missier l-atturi f'din il-kawza, huma sofrew danni kbar konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans;

Illi l-konvenuti noe. Interpellati ufficjalment b'ittra ufficjali tal-14 ta' Novembru 1991, biex jersqu ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni, baqghu inadempjenti;

talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-incident fatali fuq imsemmi li gara fl-4 ta' Dicembru 1989 gol-bacir numru sitta (6) tat-Tarzna, gara tort tal-konvenuti noe. jew min minnhom u ghalhekk huma responsabbli ghad-danni kolha sofferti mill-atturi bhala eredi, aventi kawza u dipendenti tal-mejjet zewgha u missierhom rispettivament;

2. tillikwida d-danni, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom li jhallsu lill-atturi dawk id-danni hekk likwidati, flimkien mal-imghax legali mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez – komprizi dawk tal-ittra ufficjali u rikors ghan-nomina ta' kuraturi tal-14 ta' Novembru 1991 u dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-lum stess – kontra l-konvenut noe. Li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Sammy Meilaq nomine fejn qal:

1. Illi l-eccipjenti nomine ma jahti bl-ebda mod ghall-incident imsemmi li gara fl-4 ta’ Dicembru 1989 u konsegwentement ma huwa responsabbli ghal ebda danni li setghu soffrew l-atturi.

2. Illi konsegwentement it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

3. Illi, bla pregudizzju ghas-sueccipit, l-eccipjent nomine diga’ min-naha tieghu, u minghajr assunzjoni ta’ responsabbilita’ ikkompensa *ex gratia* lill-atturi tad-danni sofferti minnhom fl-incident fatali tal-4 ta’ Dicembru 1989, u ghalhekk dan il-hlas ghandu jitnaqqas minn kull ammont li jista jigi deciz li hu dovut mill-eccipjent nomine.

4. Salvi eccezjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Dottor Yana Micallef Stafrace LL.D. u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` assenti Stork Services BV ta’ Hengela, Nederland, fejn qalu:

1. Illi huma fl-ewwel lok fil-kariga taghhom bhala deputati biex jirrapresentaw lis-socjeta’ assenti Stork Services BV ta’ Hengela, Nederland mhumiex responsabbli bl-ebda mod ghall-incident li kkawza l-mewt ta’ Valentino Sammut, Frank Scicluna u Angelo Farrugia.

2. Illi fit-tieni lok huma esegwew ix-xoghol ta’ kostruzzjoni lilhom moghti skond is-sengha u skond kif lilhom ordnat.

3. Illi fit-tielet lok ix-xoghol minnhom esegwit gie approvat mill-Bureau Veritas.

4. Illi fir-raba lok huma jirriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri wara li jkunu rcevew id-direttivi opportuni minghand is-socjeta’ Stork Services BV ta’ Hengela, Nederland, li maghhom huma diga’ kkommunikaw.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-22 ta' Mejju 1992 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Victor Borg Grech bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz, u dan bl-assistenza ta' l-A.I.C. Alex Torpiano u l-Professur Joseph Mifsud bhala periti teknici;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D. u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nomine fejn qalu:

1. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artiklu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

2. Illi l-eccipjenti jirriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri wara li jkunu rcevew id-direttivi opportuni minghand is-socjeta' Stork Services BV ta' Hengela, Nederland, li maghhom huma diga kkommunikaw.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fl-10 ta' Dicembru 1993 li permezz taghha din il-Qorti diversament presjeduta cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-kuraturi deputati msemmija;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa mill-periti gudizzjarji;

Semghet ix-xiehda ta' l-istess periti in eskussjoni;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

**Il-fatti principali**

Din il-kawza tirrigwarda incident fuq il-post tax-xoghol, u specifikatament fil-bacir numru sitta (6) tal-Malta Drydocks, li gara fl-4 ta' Dicembru 1989 u li fih mietu tlett irgiel: Angelo Farrugia, Valentino Sammut u Frank Scicluna. Valentino Sammut kien ir-ragel ta' l-attrici Anna Sammut u missier it-tliet atturi l-ohra.

Jidher li dawn it-tliet haddiema kienu qeghdin fuq *dockarm* li kkollassa ghal gol-bacir. Gol-kabina tad-*dockarm* kien hemm certu Cutajar u mdendel go qoffa tal-hadid David Galea li kien qieghed jisprejja vapur bil-*pole gun*.

Id-*dockarms* jikkonsistu fi struttura li ghandha sieq (madwar 11m gholi) li tistrieh u timxi fil-qiegh tal-bacir, u ohra li timxi u zzomm ma' bankina fuq il-genb tal-bacir. Din il-bankina tinsab fil-parti ta' fuq tal-hajt tal-bacir u hija wiesa' madwar 50cm u gholja 60cm. Il-bankina hija parti ntegrali mill-bacir, mahduma bl-istess materjal u fl-istess hin. F'nofs il-bankina, fil-wicc taghha, hemm ic-*channel* li minnu jghaddi *cable* li jintuza biex jigbed il-vapuri. Ix-xifer tal-bankina huwa miksi b'*angles* tal-hadid. Skond ix-xiehda ta' Carmelo Bondin dan il-hadid kien *welded* mal-hadid li kien tiela' mill-gnub tal-bacir; imma skond Dok. F5 (pjanta esebita minn Dr. Joe Micallef Stafrace waqt seduta peritali tat-23 ta' Marzu 1993) jidher li dan il-hadid kien ankrat b'vireg f'forma ta' U, b'djametru ta' 12mm u spazjati kull 50cm, b'tul ta' 12.5cm jisporgi gol-konkos (para. XVI tar-relazzjoni).

L-istabbilita` tad-*dockarms* tiddependi milli l-pizijiet vertikali jigu trazmessi fuq is-sieq fil-qiegh tal-bacir, waqt li l-pizijiet orizzontali li jzommu d-*dockarms* milli jeghlbu, huma trazmessi fuq il-genb tal-bankina. Id-*dockarms* jimxu fuq roti (*bogie wheels*) li jimxu fuq *rails* f'*bogie truck* ta' madwar sitt metri tul fil-qiegh tal-bacir, u lateralment fuq *rollers* li jaghfsu fuq *section* tal-hadid fuq in-naha ta' gewwa tal-bankina (ara Dok. F13). Mis-sieq vertikali hiereg *arm* teleskopiku ta' tliet partijiet u b'kull parti ta' xi ghaxar metri. Iz-zewg partijiet ta' gewwa huma ta' l-azzar, ta' barra ta' l-aluminju. L-*arm* hija mhaddma b'sistema ta' *hydraulics*. Fuq il-*pivot* ta' dan l-*arm* ikun hemm kabina li fiha hemm il-kontrolli tal-mekkanizmu. Fit-tarf tat-*telescopic arm* hemm *basket platform* tal-hadid li jakkomoda l-haddiema li jkunu qeghdin jaghmlu *high pressure cleaning* jew zebgha jew xoghol simili mal-gnub tal-vapuri (para. XVIII tar-relazzjoni).

Mix-xiehda ta' David Galea jirrizulta li kien qieghed isir xoghol ta' zebgha fuq vapur u f'mument minnhom spiccat iz-zebgha. F'dak il-mument il-*boom* kien angolat xi 75 gradi lejn il-poppa tal-vapur, jigifieri lejn il-kexxun (jew bieb) tal-bacir. Il-vapur ma kienx f'nofs il-bacir imma fuq in-naha mbeghda mill-genb li fuqu kien hemm id-*dockarm* li waqa'. Jidher li l-incident gara hekk kif kienet se tibda jew kienet bdiet l-operazzjoni li biha l-*boom* bil-*basket* bil-haddiema mdendel tibda tiddawwar biex terga' lura mal-genb tal-bacir. Francis Johnson kien qieghed jahdem fil-qiegh tal-bacir u huwa xehed li kien qieghed jisma' xi hsejjes li jikkorrispondu ma' moviment tad-*dockarm* tul il-genb tal-bacir, imma dan ma setax ikun zgur dwar x'kien il-hoss li kien qieghed jisma' partikolarment minhabba li kellu dahru lejn fejn gara l-incident. Huwa sinjifikanti pero` li x-xhud ddeskriva l-incident bhala precedut b'ticrita. Huwa sinjifikanti wkoll li x-xhud ra d-*dockarm* niezel shih u li kien inqala' mill-hajt. Indri Camilleri xehe dwar kif ra l-*boom* niezel u jahbat mal-genb tal-vapur (para. XXIX tar-relazzjoni, xiehda ta' David Galea fis-seduta peritali ta' l-24 ta' Novembru 1992, xiehda ta' Francis Johnson u ta' Indri Camilleri fis-seduta peritali tal-15 ta' Dicembru 1992).

**Ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji**

Dwar x'kienet il-kawza ta' l-incident il-periti rrelataw testwalment hekk:

Dwar x'kienet il-kawza ta' l-incident il-periti rrelataw testwalment hekk:

"L-ewwel ipotezi hija li d-"dockarm" waqa minhabba li falliet xi parti mill-istruttura, jew minhabba zball fid-disinn, jew minhabba nuqqas ta' manutenzjoni, jew minhabba xi raguni ohra.

Id-deskrizzjoni tax-xena wara l-incident, ir-ritratti, u ix-xhieda, jidhru li jeskludu kollass minhabba xi hasara fl-istruttura tad-"dockarm". L-istruttura tad-"dockara" tidher li baqghet prattikament shiha, meta waqghet ma l-art, hlief ghal xi daqqiet li gew ikkawzati probabilment minhabba l-impatt mal-vapur. Il-modifici li saru ma jissuggerux li kien hemm xi haga hazina meta waqghet id-"dockarm"; anzi tindika li saru testijiet estensivi, u modifikazzjonijiet taht supervizjoni indipendenti u kwalifikata, (Bureau Veritas), biex jassiguraw li kollox, fl-istruttura u l-mekkanika tad-*dockarm* jimxi sewwa. Dawn il-modifikazzjonijiet jinkludu tibdil fil-*boom* teleskopiku, biex jitnaqqsu il-vibrazzjonijiet, tibdil fir-roti ta' taht, korrezzjoni taz-zebha biex titnaqqas il-korrozzjoni li kienet harget qabel 1986, tigdid ta' welding, tiswija u tishieh fil-*boom* u fil-*basket* wara l-waqha tal-bidu.

Dawn it-tbdiliet gew ittestjati estensivament, u ma jidhirx li kellhom xi rwol fl-incident ta' 1989. Ix-xhieda ta' Stork, li hija konfermata mir-ritratti ta' l-incident, juru li ma kienx hemm hsara, anke wara l-waqha, fl-element strutturali krucjali, jigifieri s-saqajn, il-*boom*, jew il-*bogies*, Is-sistemi ta' sigurta'. Is-sistemi ta' sigurta' u evidenza vizwali jeskludu wkoll li d-*dockarm* seta' rikeb fuq xi haga fil-qiegh tal-bacir, u b'hekk hareg, jew ghola 'il fuq, mir-*rails*. Il-hsarat li kien hemm fid-*dockarm* jidhru li jirrizultaw biss mill-impatti li garrbet, l-ewwel mal-vapur, u wara mal-qiegh tal-bacir, waqt l-incident stess.

Ipotezi ohra kienet li kien hemm xi zball fl-operat tad-*dockarm*. Din l-ipotezi m'hijiex sostenuta mill-evidenza. Skond Galea, id-*dockarm* ma kienitx miexja; skond Johnson, setghet kienet miexja. Imma m'hemm xejn li jindika li d-*dockarm* kella xi problema meta timxi; dan l-aspett gie ttestjat qabel, anke b'pizijiet akbar minn dak tal-mument ta' l-incident. L-anqas ma jista' wiehed jghid li kien xi operazzjoni anormali dwar l-operat tal-*boom*. Galea, li kien fil-bastiment f'tarf il-*boom* fil-mument ta' l-incident, xehed li ma hassx xejn anormali meta kien talab biex jittiehed lura lejn il-genb tal-bacir biex igib aktar zebgha. Hemm xiehda ohra li tirreferi ghall-fatt li l-operatur kellu esperjenza fl-uzu tad-*dockarm*. Madankollu, ma jfissirx li l-mument li beda jdur il-*boom* mhux sinjifikanti ghall-incident; wiehed jistenna li hekk kif il-boom jingibed lura, il-forza li l-istruttura taghmel fuq il-genb tal-bacir tizdied.

Minn dan jista' wiehed jikkonkludi li d-dockarm innifsu ma kellux x'jaqsam ma' l-incident. Wiehed irid ghalhekk jhares lejn l-istrutttura tal-bacir, li mill-evidenza fotografika, garrbet hsarat partikolari.

L-ipotezi li l-izjed tikkorrispondi ma' din l-evidenza hija li l-konkos li kien jifforma parti mill-bankina ta' fuq, li fuqha hemm forza orizzontali lejn 'l gewwa tal-bacir, biex ma teghliebx id-*dockarm*, tkissir. Fl-opinjoni taghha dan it-tkissir huwa fondamentali, ghaliex ma setax jigi kawzat bhala rizultat ta' l-incident, imma seta' kien biss kawza ta' l-incident.

L-ewwel nett jidher li kien hemm zball fid-disinn tal-bankina ta' fuq. Id-disinn huwa deskritt fix-xhieda u fid-Dok. F32. Dan juri li fil-genb li fuqhom kienu jaghfsu ir-roti tal-*bogie* kien hemm *angles* tal-hadid, u kien hemm ukoll *U-Channel* fil-parti centrali tal-bankina, fejn jghaddi il-habel li jigbed il-vapur. Il-kanal centrali ghandu fond ta' 6 cm. Waqt li l-parti centrali tal-bankina taht dan il-kanal kellha hxuna ta' 50 cm, il-hxuna ta' konkos fuq in-naha ta' barra, mal-genb tal-kanal – fejn fil-fatt jaghfsu r-roti – kienet ta' 14 cm. Izjed minn hekk, fil-parti ta' taht, kien hemm

rinforz, bil-hadid, b'vireg longitudinali ta' 12 mm diametru, u cinturini ta' 16 mm diametru. Kien hemm ukoll rinforz iehor li jorbot din il-parti mal-kumplament. Id-distanza mill-wicc tal-bankina sa l-eqreb hadid huwa, skond id-disinn 7 cm. Il-pjanca ta' l-*angle* li hemm fiz-zewg kantunieri ta' fuq tal-bankina hija ta' ftit izjed. Dan ifisser li anke jekk il-kalkoli juru li l-hajt tal-bacir kien kapaci jiflah il-piz orizzontali li kien gie specifikat, dan zgur li jirreferi ghal hxuna ta' 50 cm bir-rinforz, u mhux ghal hxuna ta' 14 cm minghajr rinforz. Minhabba li l-istess *angles* kienu marbutin gol-konkos b'tip ta' *U-bar* twila madwar 12.5 cm, (skond ir-ritratti u n-nota li saret waqt l-inkjesta), kien hemm xi hadid li jippenetra mill-wicc fejn jaghfsu r-roti sal-parti tal-bankina marbuta biccinturini, imma din il-penetrazzjoni zgur ma kienitx hafna, u zgur ma kienitx adegwata biex tittrasmetti l-piz orizzontali.

L-evidenza fotografika turi bic-car li l-konkos tal-wicc tal-bankina ccarrat sal-livell tal-hadid. Jigifieri li l-konkos falla mal-linja fejn il-hxuna tal-konkos kienet l-anqas, u fejn ma kienx hemm rinforz adegwat.

Kien hemm evidenza konfliggenti dwar id-disinn ta' dawm l-*angles*. Dan hareg mill-fatt li hemm disinji (Dok. F32) li juru il-bankina bir-rinforz, imma minghajr l-*angles*, u disinji li juru l-*angles* minghajr rinforz. Id-domanda ghalhekk qamet jekk dawn l-*angles* sarux wara, jew kienux parti integrali mill-kostruzzjoni tal-bacir. Carmelo Bondin xehed li l-bankina kienet parti integrali tal-bacir. Xehed ukoll li l-*studs* ta' l-*angles* gew iwweldjati mall-hadid principali tar-rinforz fil-bankina. Dana ma jidhirx fid-disinji, u l-anqas m'hemm evidenza tieghu fil-partijiet li nqalghu. Ellul jaghti wiehed x'jifhem li l-*angles* saru wara, fuq disinn ta' Civil Engineering Department tad-Dockyard. Is-sur V. Giuliano, mill-banda l-ohra, xehed li l-*angles* ta' fuq saru integralment mal-bankina, u esebixxa ritratti ta' l-inawgurazzjoni tal-bacir li juru l-*angles* f'posthom f'dak il-mument. Ahna propensi li naccettaw li l-*angles* saru fl-istess mument li saret il-bankina – mhuwiex car, pero', jekk f'xi mument waqt il-kostruzzjoni tal-bacir sarx xi tibdil fid-disinn tal-bankina li jista' jispjega ghaliex hemm differenza bejn Dok. F32 u Pjanta No. 824 –- 39/55 annessa ma l-affidavit ta' Zhou Zhen Qiu.

Din il-kwistjoni ghandha aktar x'taqsam ma responsabbilta' milli kawza. Id-domanda tqum li jekk hemm difett fid-disinn, ghaliex il-hsara ma gratx qabel.

Risposti hemm tnejn. L-ewwel haga l-konkos ghandu kapacita' li jiflah pizijiet akbar minn dak li jissejjah *nominal strenght* ghal perjodi qosra. In-*nominal strenght* tohrog miss test partikolari li jsir fuq *samples*

partikolari tal-konkos (generalment *cubes*) li huma ttestjati b'mod partikolari (uni-axial) u fiz-zmien stipulat) Ir-rizultat, jigifieri il-mument meta il-konkos jitkisser, jiddependi mill-metodu tat-*test*. Ghalhekk hemm sistemi internazzjonali ta' *Standards*, biex wiehed juza l-istess proceduri, biex jista' wiehed iqabbel kwalita' ta' konkos ma ohra, u biex wiehed jista' jaghmel il-kalkoli mehtiega. Hemm dejjem differenza bejn is-sahha tal-konkos fil-post, u dik prevista' mill-kalkoli – dak li jissejjah *margin of safety*. Meta wiehed jaccedi il-kapacita' kif kalkolata, dan ma jfissirx necessarjament li l-konkos mill-ewwel jitkisser – jista' jkun riserva ta' sahha li tevita dan. Imma, zgur li meta wiehed jiehu l-konkos vicin il-limitu tas-sahha tieghu, il-konkos, anke jekk ma jinkisirx, igarrab hsarat interni, (*micro-cracks*), li ma jidhrux, imma li eventwalment ikomplu jikbru sakemm jistghu jikkawzaw tkissir tal-konkos. Meta l-process ta' taghbija momentarja, segwita mit-tnehhija ta' l-istess piz, jigi ripetut, il-fissuri zghar jikbru bil-mod, sakemm jiffurmaw fissuri akbar, u finalment jikkawzaw tkissir tal-konkos.

Saru xi testijiet wara l-incident, biex juru li l-konkos kien ta' kwalita' adegwata skond lis-*specifications*. Imma dawn it-testijiet ma jippruvaw xejn, minhabba li lis-*specifications* jassumu kalkolu li zgur mhux ibbazat fuq hxuna ta' 14cm, minghajr rinforz. It-testijiet ma jurux l-anqas, jekk kienx hemm xi deterjorazzjoni tal-konkos, jew minhaba *micro-cracking* kif issemma qabel, jew minhabba l-effett ta' sadid tal-hadid prezenti gewwa l-konkos.

M'hemmx evidenza dwar il-kwalita' tax-xoghol tal-konkos waqt il-kostruzzjoni, imma, minhabba l-argumenti ta' qabel, dana m'huwiex hafna rilevanti.

L-effett tas-sadid fil-hadid jista' jkun, fil-kuntest tad-diskussjoni fil-paragrafi ta' qabel, sinjifikanti. Certament, mir-ritratti, u wkoll mill-access li ghamilna ahna, huwa car li xi korrozjoni kienet u hija prezenti fl-istruttura. L-*studs* li jorbtu l-*angles* mal-bankina, u li inkixxfu waqt l-incident, juru sinjali ta' sadid anke qawwi – tant li setghet naqset anke s-sahha ta' l-istess *studs*. Anke jekk is-sahha tal-hadid ma tnaqqsietx, is-sadid, li ghandu volum akbar mill-hadid u li ghalhekk huwa process ta' espansjoni gewwa l-konkos, zgur jikkawza hsara interna, jekk mhux vizibli esternament. F'diversi bnadi fil-bankina kien hemm sinjali ta' hsara ikkawzata mis-sadid. Ovvjament, fejn din kienet tohrog fil-wicc, it-Tarzna kienet tiehu hsieb li ssewwi. Imma huwa probabbli li jkun hemm bnadi ohra fejn il-hsara interna tkun ghada ma hargitx fil-wicc, u ghalhekk ma ssirx tiswija.

Fil-kuntest tal-bacir, li jinvolvi xoghol fil-bahar jew mill-bahar, jigifieri fil-presenza certa ta' melh w ilma, huwa sorprendenti kif, l-ewwel nett ma kienx hemm sistemi ta' protezzjoni kontra il-korrozjoni fl-elementi tal-hadid mikxufa – per ezempju, il-*U-channel* fil-wicc tal-bankina, u l-*angles* fil-kantunieri tal-bankina. Huwa wkoll sorprendenti kif ma kienx hemm programm aktar aggressiv ta' spezzjoni u manutenzjoni ta' l-istess hadid. Il-programm ta' manutenzjoni jidher li kien pjuttost passiv. Il-*U-channel*, min-natura tieghu, huwa recipjent li fih jingabar l-ilma – ma jidhirx li kien hemm xi sistema ta' drenagg ta' l-ilma qabel ma' ttaqbu xi toqob fil-genb tal-kanali. Dawn it-toqob setghu kienu effikaci biex inehhu l-ilma, imma setghu wkoll ikunu mezz kif l-ilma jidhol fil-qalba tal-konkos fejn jista' jghin fil-process ta' korrozjoni tal-hadid.

M'hemmx dubbju li l-korrozjoni tal-hadid, ghalkemm setghet ma dghajfitx il-hadid stess, ikkontribwixxa ghal hsara interna fil-konkos, li minhabba d-difett fid-disinn, kien ga mghobbi aktar milli seta' jiflah.

Il-periti sottoskritti jattribwixxu l-kawza tal-incident in parti ghal difett fil-kostruzzjoni tal-bacir Dock numru 6, u f'parti wisq anqas ghal nuqqas ta' manutenzjoni approprija da parti ta' min kien qed juza l-istess bacir, ossija l-Malta Drydocks. Ma jirrizulta ebda difett fid-*dockarm* li seta kkontribwixxa bhala kawza ta' l-incident.

Ghal fini ta' responsabbilita' qed jigi stabbilit li l-grad ta' responsabbilita' tad-difett fil-kostruzzjoni tal-bacir huwa ta' tmenin fil-mija (80%) fil-waqt li n-nuqqas ta' manutenzjoni huwa responsabbli ghar-rimanenti ghoxrin fil-mija (20%)."

**<u>Ir-responsabbilita` ghall-incident</u>**

Il-Malta Drydocks ikkritikat il-konkluzjoni fir-relazzjoni li 20% tar-responsabbilta` huwa tort tan-nuqqas ta' manutenzjoni u sostniet li mill-provi prodotti s-sadid imsemmi mill-periti ma jirrizulta minn imkien. Barra minn hekk il-periti ghamlu l-konstatazzjonijiet taghhom tliet snin u nofs wara l-incident meta l-hadid kien ilu ghal dak iz-zmien mikxuf ghall-elementi bla ma jintuza u bla kura ta' xejn. Tikkritika wkoll ir-relazzjoni ghax issostni li l-periti njoraw il-konstatazzjonijiet ta' fatt ta' l-esperti mahtura fl-inkesta kriminali, ir-rapport tal-perit Lawrence Mintoff, u x-xhieda u provi ohra ta' l-impjegati tal-Malta Drydocks.

1. Fir-rigward tal-konstatazzjonijiet maghmula mill-esperti fl-inkjesta kriminali, il-Korporazzjoni konvenuta tghid li jekk kien hemm sadid rilevanti vizibbli dawn kienu jikkonstatawh. Imkien ma jikkonstataw sadid u anzi jirrimarkaw li "Il-hadid li ntuza' kien ta' kwalita` tajba. Ir-Reinforcement li kien jipprotrudi mit-travu tar-reinforced concrete fix-xifer tal-bacir kien adegwat bizzejjed" (b'riferenza ghal pagna 12 tar-relazzjoni fl-inkjesta kriminali).

Il-Korporazzjoni konvenuta kkwotat minn pagna 12 tar-relazzjoni tal-periti fl-inkjesta kriminali. Pero` esebit f'dawn l-atti hemm biss tliet pagni b'sitt faccati (Dok. F6) li gew esebiti minn Dr. Joe Micallef Stafrace fis-seduta peritali tat-23 ta' Marzu 1993. Ghalhekk x'setghu qalu l-periti f'pagna 12 kif ikkwotat mill-Korporazzjoni konvenuta huwa estraneju ghal dawn il-proceduri. Issa huwa minnu li f'dawn is-sitt faccati esebiti m'hemm l-ebda konstatazzjoni dwar sadid. Izda ezami tar-ritratti kontenuti fil-faxxikoli fotografici F1, F2 u F4 u li huma ritratti li ttiehdu proprju waqt l-inkjesta, juri evidenza cara ta' sadid – ara per ezempju r-ritratti 16, 17, 21, 22 u 24 fid-Dok. F1, ir-ritratti 4 – 8 fid-Dok. F2 u r-ritratti 1 – 6 fid-Dok. F4.

2. Dwar ir-rapport tal-Perit Lawrence Mintoff, il-Korporazzjoni konvenuta tghid li fir-rapport tieghu l-Perit Mintoff jidentifika l-korrozjoni tal-hadid u s-sadid bhala wiehed mill-fatturi li jikkawzaw deterjorazzjoni tal-*concrete* izda mkien ma jindika fir-rapport tieghu li nnota xi sadid u jghid anzi li "the reinforcement which was exposed was in a satisfactory state".

"Satisfactory" certament ma jfissirx "as new". U difatti anke fir-ritratti annessi mar-rapport tal-Perit Mintoff hija evidenti l-prezenza ta' sadid. Inoltre huwa ma jaghmel l-ebda riferenza, bhalma ghamlu l-periti nominati mill-Qorti, ghall-i*studs* li jorbtu l-*angles* mal-bankina. Fl-istess

rapport il-Perit Mintoff fil-fatt ighid li "since the mule track is covered with steel angle sections, the possibility of inspection at other locations by visual means is made very difficult". F'dar-rigward ghalhekk zgur ma jistax jinghad li r-rapport tieghu huwa komplet. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-paragrafu XLIV tar-relazzjoni tal-periti gudizzjarji u fuq riportata fejn jindikaw ghaliex it-testijiet li saru wara l-incident fuq il-konkos jistghu jitqiesu bhala inkonklussivi.

3. Il-Korporazzjoni ssostni li kienet attenta ghall-manutenzjoni regolari u ghall-prezenza ta' sadid. Taghmel referenza ghax-xiehda ta' Carmelo Bondin, ta' Ray Vassallo u tal-Perit Joseph Cassar.

Izda Carmelo Bondin kien qieghed jixhed dwar id-*dockarms* u mhux dwar il-bankina, Ray Vassallo kien qieghed jixhed dwar it-tiswijiet li saru lid-*dockarm* qabel ma' din effettivament qatt bdiet tintuza u ma qal xejn dwar il-bankina, u l-Perit Cassar stess xehed li "*Maintenance* ma taqax tahti u ssir minn division *ohra* mmexxija mis-Sur Charles Saliba. Mhux kompitu tieghi li naghmel *routine inspections*". Li huwa evidenti mix-xiehda ta' dawn it-tliet persuni hu li hadd minnhom ma semma' li kien b'xi mod involut f'xi manutenzjoni tal-bankina, ossia l-*mule-track*, qabel ma gara l-incident in kwistjoni, salv li l-Perit Cassar isemmi xi tiswijiet izda mhux fl-istess post fejn gara l-incident in kwistjoni (ara f'dar-rigward ix-xiehda tieghu fis-seduti tad-19 ta' Ottubru 1993 u tat-23 ta' Novembru 1993' ara wkoll Dok. F36 esebit mill-istess xhud).

Minn dan kollu ghalhekk jirrizulta li s-sottomissjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta huma ghal kollox infondati u li hemm evidenza rribatibbli dwar il-prezenza ta' sadid fl-istrutturi tal-bacir. Hadd mix-xhieda prodotti ma ndika li b'xi mod kien involut f'manutenzjoni jew tiswija tal-bankina minhabba s-sadid. Ix-xhieda specifikaw xoghol fuq id-*dockarms* izda hadd fuq il-bankina, salv meta din kienet tintlaqat minn xi vapur.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom l-atturi jsostnu li r-responsabbilita` taqa' unikament fuq il-Korporazzjoni konvenuta in vista tal-fatt li ma pprovdietx *a safe system of work*. Huma jirreferu ghall-gurispudenza taghna u dik ingliza. Jirreferu ghar-regolament 7A(1) tal-Health, Safety and General Welfare Regulations 1945 (G.N.58/1945) li jipprovdi li *"it shall be the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances"*. Jiccitaw ukoll lil Munkman li fil-ktieb tieghu "Employer's Liability at Common Law" (7th ed. 1971, Butterworths, p. 129) jelenka diversi modi kif l-*employer* jista' jonqos milli jwettaq l-obbligi tieghu:

*"1. It may be that the employer has done nothing at all to carry out his obligations.*
*2. In the second place, the employer may have been informed of a defect or danger, but done nothing to remedy it.*
*3. Thirdly, the employer, knowing of a defect in his plant or premises, or of a danger in the course of the work, may have taken inadequate measures to eliminate and reduce the risk.*
*4. Fourthly, though the employer does not know that anything is wrong, it may be that he ought to know – that is, he could have found out by reasonable care."*

Dwar il-principji ben stabbiliti m'hemmx kontestazzjoni. U dan tistqarru l-Korporazzjoni konvenuta fin-nota ta' kritika taghha. Pero` ssostni, kuntrarjament ghal dak li jghidu l-atturi, li hija dejjem adempiet pjenament l-obbligu taghha ta' *"reasonable care"*. Hija tirreferi ghall-fatt li d-disinn u supervizjoni tal-bini tal-bacir kien f'idejn l-inginier ciniz Zhou Zhen Qiu li kien gie konsultat dwar il-possibilita` li l-bacir ikollu d-*dockarms* u kien mar il-Germanja flimkien ma' inginier iehor ciniz u zewg *managers* tal-Malta Drydocks biex jiddiskutu l-aspetti teknixi mas-socjeta' konvenuta l-ohra Stork Services B.V. Tenfasizza l-fatt li l-progett innifsu ma kienx f'idejha u lanqas f'idejn periti Maltin u ghalhekk kellhom kull ragun joqoghdu fuq il-pariri ta' l-imsemmi inginier ciniz. Qalet ukoll li minhabba l-interess ovvju li kellha pero` zammet kuntatt u ko-ordinazzjoni kontinwi fil-progett kollu u li allura anke fil-fazi ta' progettazzjoni u bini tal-bacir, minkejja li ma kenitx is-sid u m'ghamlitx ix-xoghol hi, kienet diga` qed tiehu l-prekawzjonijiet ragonevoli kollha possibbli biex tassigura li x-xoghol isir sew. Meta gew biex jintaghzlu l-manifatturi tad-*dockarms* innifishom regghet hadet il-pariri mehtiega u talbet li d-*dockarms* ikunu certifikati minn ditta ta' certifikazzjoni internazzjonali bhalma kienet il-Bureau Veritas. Fin-nota telenka d-diversi passi li ttiehdu biex id-*dockarms* jinzammu kif ghandhom ikunu. Irreferiet ukoll ghax-xiehda ta' l-inginier Nicholas Baldacchino li qal li huwa ma kienx inkarigat minn Stork BV biex jiccertifika wkoll l-istruttura tal-bankina fejn kienu mwahhlin id-*dockarms* izda t-*tests* li saru necessarjament minnhom infushom kienu qed jittestjaw l-istruttura kollha billi d-*dockarms* kienu ttestjati fuq ir-*rails* b'piz id-doppju tas-*safe working load* tad-*dockarm*. Hija tikkwota lil dan ix-xhud li qal: *"tests tal-integrita` tar-rails ma ghamilniex ahna bhala Bureau Veritas, pero` nista' nghid li wara li saru t-tests ma kienx hemm jew caqliq jew deformita` permanenti….Saru tests at the worst possible condition sija acceleration u deceleration."* Irreferiet ukoll ghat-tiswijiet li kienu jsiru meta xi bastiment jolqot il-genb tal-bacir. U b'riferenza ghall-kriterji ndikati mill-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom li elenka

Monkman, sostniet li (1) irrizulta li hadet diversi prekawzjonijiet, (2) qatt ma kienet "informed of a defect or danger" li ma ghamlet xejn dwaru, (3) ma kien hemm ebda taghrif ta' xi difett u ghalhekk ma jistax jinghad li *"knowing of a defect may have taken inadequate measures to eliminate and reduce the risk"*, anzi l-provi juru li hadet passi aktar min-normal biex tassigura s-sigurta` kemm jista' jkun, u (4) ma kellhiex mezzi aktar milli uzat biex tinduna li kien hemm xi difett, anzi jidher li tul il-process kollu kienu nvoluti nies professjonali u kompetenti. Iccitaw ukoll mill-pubblikazzjoni "The Law of Health and Safety at Work 1996/97" dwar il-ligi u l-prattika ingliza in sostenn anke tat-tezi taghhom li galadarba rrizulta li kien hemm difett fid-disinn u l-bini tal-bacir hija ma tistax tinzamm responsabbli fil-kaz taht skrutinju. U bhala kerrejja tal-bacir kellha dritt tistenna li dan kien f'kundizzjoni tajba ghall-uzu tieghu.

Il-Qorti diga` kellha okkazjoni tikkummenta aktar 'il fuq dwar il-prezenza ta' sadid fl-istruttura tal-bacir u ghalhekk kull kumment iehor huwa superfluwu. Barra minn hekk diga` rrizulta li l-manutenzjoni li kien qieghed isir kien fuq id-*dockarms* innifishom u mhux fuq il-bankina. Il-Qorti tirrepeti li HADD mix-xhieda ma semma l-icken forma ta' manutenzjoni fuq il-bankina, ahseb u ara dik il-manutenzjoni "aggressiva" li jirreferu ghaliha l-periti gudizzjarji. Billi tiggrizja r-roti tad-*dockarms* ma jfissirx li tkun qed taghmel manutenzjoni fuq l-istruttura, li taghmel *sandblasting* fuq id-*dockarms* ukoll ma jfissirx li qed taghmel manutenzjoni fuq il-bankina. Il-Qorti ma tistax u mhijiex se tassumi li ghax saret manutenzjoni fuq id-*dockarms* allura saret ukoll fuq il-bankina. Lanqas ma jista' jitqies li l-uzu ta' strumenti ghall-ispezzjoni tal-hadid, bhalma ssuggerew li jista' jsir il-periti gudizzjarji waqt l-eskussjoni taghhom, huwa xi mezz mhux normali jew li ma jidholx fl-ambitu tal-mizuri ragonevoli li jistghu jittiehdu minn azjenda bhalma hi l-Malta Drydocks. Anke d-ditta Robins Takkenberg li giet inkarigata mis-socjeta` Stork Services BV fir-rapport taghha li jinsab anness ma' dawn l-atti tikkummenta fid-disa' pagna tar-rapport taghha (a fol. 154) li *"The concrete pourings as mentioned under A1, showed horizontally (seen from the top) and vertically (seen from the dock) severe crack formation and crumbling <u>on both the (is)land side or the non-riverside</u> and the riverside where the accident took place,especially over the first ½ to 2/3 of the dock length, counted from the side of the dock entrance, which is mostly used by the dock arms and mules"* (kliem sottolineati mill-Qorti). Manutenzjoni serja kienet tirrikjedi li kif ikun hemm l-inqas hsara fil-konkos, din tissewwa; fin-nuqqas ta' dan wiehed jistenna logikament penetrazzjoni ta' ilma u korrozjoni tal-hadid. L-istess ditta Robins Takkenberg osservat fir-rapport taghha li *"the concrete anchors, which are welded to the steel angle sections or side guiding sections, were*

*severely corroded”*. Tirreferi sahansitra ghall-*“corroded railings of the gallery in the dock wall”* (ara wkoll ritratt 24 anness ma’ l-istess rapport a fol. 215). Altru milli manutenzjoni!

Issa hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq azjenda kummercjali li timpjega eluf ta’ haddiema, fejn il-perikli huma kbar u fejn allura l-grad ta’ *reasonable care* huwa mistenni li jkun gholi hafna. Ma rrizultax li minn meta bdew jithaddmu d-*dockarms* sakemm gara l-incident in kwistjoni saru xi testijiet fuq il-bankina. Id-*destructive test* li rrefera ghalih il-Perit Cassar sar zmien wara l-incident u fil-hajt oppost tal-bacir. U ma jirrizultax li gew inkarigati nies professjonisti biex jiddeterminaw regolarment is-sahha tal-konkos u tal-hadid li kienu jifformaw il-bankina. U meta saru tiswijiet qabel dan l-incident, hadd ma nduna li seta’ kien hemm difett fil-kostruzzjoni? Il-prekawzjonijiet li l-Korporazzjoni konvenuta ssostni li hadet waqt il-progettazzjoni tal-bacir u fl-ghazla tad-*dockarms* ma jfissru xejn jekk il-prekawzjonijiet ma jibqghux jigu sostnuti. Vince Giuliano semma li kull tant zmien kien isir *survey* tar-*rails* biex jaraw jekk intlaqtux jew varjawx xi ftit izda ma jsemmi xejn dwar manutenzjoni taghhom; anzi jghid li dik il-parti fejn gara l-incident kienet ghadha originali (seduta peritali tad-19 ta’ Ottubru 1993).

Il-periti gudizzjarji stabbilew li kien hemm difett fid-disinn izda m’hemmx dubju wkoll li n-nuqqas ta’ manutenzjoni ta’ l-istruttura accellera t-tkissir tal-konkos. Bhalma qalu l-periti fir-rapport taghhom u diga` kwotat *“huwa sorprendenti kif, l-ewwelnett ma kienx hemm sistemi ta’ protezzjoni kontra l-korrozjoni fl-elementi tal-hadid mikxufa – per ezempju, il-‘U-channel’ fil-wicc tal-bankina, u l-‘angles’ fil-kantunieri tal-bankina. Huwa wkoll sorprendenti kif ma kienx hemm programm aktar aggressiv ta’ spezzjoni u manutenzjoni ta’ l-istess hadid. Il-programm ta’ manutenzjoni jidher li kien pjuttost passiv.”* Kieku l-Korporazzjoni konvenuta uzat il-mezzi rakkomandati mill-periti gudizzjarji setghet tinduna bid-difetti ezistenti jew tiskoprihom.

Il-Korporazzjoni konvenuta qalet li bhala kerrejja kellha dritt tistenna li l-bacir ikun f’kundizzjoni tajba. Lawrence Bilocca, *financial controller* tal-Malta Drydocks, xehed li l-bacir in kwistjoni nghata lilhom b’titolu ta’ kera ghal perijodu ta’ hames snin bil-massimu miljun lira fis-sena. Jekk dan il-bacir inghata b’kera lil Malta Drydocks, m’hemmx dubju li dan sar b’kuntratt. Kopja tal-kuntratt ma gietx esebita. Din kienet tkun l-ahjar prova ta’ l-allegata kirja u minnha kienu jirrizultaw il-kondizzjonijiet li tahthom ikun sar it-trasferiment. Fi kwalunkwe kaz fid-dawl tal-fatt inkontestat li l-Malta Drydocks ghandha l-amministrazzjoni shiha ta’ dan il-bacir, il-Qorti tesprimi dubji serji dwar kemm jistghu jkunu applikabbli

ghall-kaz l-artikoli 1539 u 1540 tal-Kodici Civili citati mill-Korporazzjoni konvenuta fin-nota taghha.

Ir-relazzjoni ta' l-*employee* hija ma' l-*employer* tieghu li ghandu l-obbligu jipprovdilu *"a safe system of work"* u *"a safe working environment"*, aktar u aktar f'post bhalma hu l-*Malta Drydocks* fejn hemm xoghol perikoluz. Issa f'dan il-kaz il-periti kkonkludew li l-incident gara kwantu ghal 80% minhabba d-difett fil-kostruzzjoni tal-bacir u kwantu ghal 20% minhabba n-nuqqas ta' manutenzjoni. Jidher li d-disinn u supervizjoni tal-bacir kien fdat f'idejn inginier ciniz u li l-proprjetarju huwa l-Gvern Malti, izda l-Qorti ma tistax ma tesprimix it-thassib taghha dwar l-evidenza konfliggenti sottolineata mill-periti fil-paragrafu XLI tar-rapport taghhom, Inoltre l-Malta Drydocks kienet involuta *ex admissis* fil-ko-ordinazzjoni tal-progett kollu minhabba l-interess ovvju taghha, ghandha l-amministrazzjoni shiha tal-bacir u hija responsabbli ghall-manutenzjoni tieghu, u gie stabbilit li naqset serjament fid-dover taghha ta' manutenzjoni kif spjegat aktar 'il fuq. Difatti mir-rizultanzi processwali jidher li l-Malta Drydocks kienet tkun *re-active* u mhux *pro-active*. Kellha d-dmir li tispezzjona regolarment kull parti tal-bacir, f'dan il-kaz b'mod partikolari l-bankina, biex tassigura li din tkun *safe* u ma jkunx hemm riskji ghall-impjegati taghha. Kieku operaw sistema adegwata ta' spezzjoni u manutenzjoni d-difett imsemmi mill-periti kien jinstab (*"he could have found out by reasonable care"*). Il-fatt li saru tiswijiet f'partijiet ohra tal-bankina qabel id-data ta' l-incident ikompli jghabbi lill-istess Korporazzjoni bir-responsabbilita` ghall-akkadut fil-konfront ta' l-impjegati taghha, u dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet li jidhrilha li jista' jkollha fil-konfront ta' terzi. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-Korporazzjoni konvenuta ma resqet l-ebda prova li tezimiha mir-responsabbilta` fil-konfront ta' l-impjegat taghha Valentino Sammut, u allura fil-konfront ta' l-atturi u f'dawn il-proceduri ghandha twiegeb fl-intier ghall-konsegwenzi dizastruzi rizultanti.

Fir-rigward tas-socjeta` konvenuta l-ohra Stork Services BV il-periti ma sabu l-ebda difett fid-*dockarm* li seta' kkontribwixxa bhala kawza ta' l-incident. Dwar dan m'hemm l-ebda kontestazzjoni u din is-socjeta` se tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>**

Meta Valentino Sammut miet huwa kellu 51 sena. Normalment ragel jibqa' jahdem sa l-eta` pensjonabbli ta' 61 sena. Tenut kont tal-fatt li l-hajja tal-bniedem twalet u li, a skans ta' mewt prematur, ragel jibqa'

jahdem bi qliegh sa l-eta’ ta’ 61 sena, il-Qorti ma ssib l-ebda diffikulta’ tadotta *multiplier* ta’ 10 snin.

Skond id-Dok. AS3 esibit mill-attrici Anna Sammut fis-seduta peritali ta’ l-24 ta’ Novembru 1992, il-*gross pay* tad-*decuis* ghas-sena 1989 kienet ta’ Lm3,448. Meta wiehed iqis zidiet li jinghataw minn sena ghall-ohra u l-valur dejjem jonqos tal-munita, huwa ragonevoli li tittiehed paga medja ta’ Lm3,700 ghall-perijodu kollu tal-*multiplier*.

Mill-figura rizultanti ghandu jitnaqqas 25% ghall-konsum personali u, in vista tal-fatt li ghaddew ftit aktar minn hdax-il sena u seba’ xhur mid-data ta’ l-incident ghandu jitnaqqas 5% ghal *lump sum payment*.

Il-*lucrum cessans* ghalhekk irid jinhadem hekk:

| | |
|---|---|
| Lm3,700 x 10 snin ...................................... | Lm37,000 |
| Naqqas 25% (konsum personali) ........................... | 9,250 |
| | --------------- |
| | Lm27,750 |
| Naqqas 5% (*lump sum payment*) ........................... | 1,387 |
| | --------------- |
| | Lm26,363 |
| | --------------- |

Fin-nota taghha l-Korporazzjoni konvenuta tirreferi ghall-pagamenti li saru lill-atturi u ghal dak li xehed Lawrence Bilocca, cioe` li l-atturi rcevew Lm7,952.36 taht il-*Life Cover* li hija applikabbli ghall-haddiema kollha tat-Tarzna rrispettivament mill-kawza tal-mewt u s-somma ta’ Lm10,456.36,5 taht il-*Personal Accident Policy* li jinghata lil min imut jew ikorri fuq ix-xoghol irrispettivament minn ta’ min hu t-tort. Huwa qal li l-beneficjarju taht din l-ahhar polza hija l-iskema tat-Tarzna u li m’hemmx relazzjoni bejn l-assikurazzjoni u l-impjegat. Huwa pero` stqarr li l-*premium* ghal dawn l-assikurazzjonijiet jithallsu mill-iskema stess li tkopri wkoll beneficcji ohra u l-impjegat ihallas 1.5% tal-*basic wage* tieghu filwaqt li d-*Drydocks* johorgu l-ekwivalenti ta’ 4.5%. Il-kontribuzzjoni tal-haddiema kienet intiza ghall-kontribuzzjoni tal-pensjoni.

Fin-nota taghha l-Malta Drydocks tghid li taqbel li l-atturi kienu intitolati bi dritt ghall-hlas taht il-polza *Life Cover* izda l-atturi ma resqu l-ebda prova biex juru li kienu intitolati bi dritt ghall-hlas taht il-*Personal*

*Accident Policy*. Anzi tkompli tghid li hemm il-prova kuntrarja tal-*financial controller* tal-*Malta Drydocks* fis-sens li dan il-hlas huwa dovut lil *Malta Drydocks* stess bhala beneficjarja u l-*premia* mhallsa wkoll mill-*Malta Drydocks* billi l-kontribuzzjonijiet tal-haddiema kienu intizi biex ikopru biss il-pensjoni.

Li ma semmietx fin-nota taghha l-Korporazzjoni konvenuta huwa li l-istess xhud ipprometta li jgib kopja tal-polza izda l-ebda kopja ma qatt giet esebita f'dawn l-atti. Certament dik kienet tkun l-ahjar prova u mhux semplicement dak li xehed il-*financial controller*. Il-Korporazzjoni konvenuta tghid fl-eccezzjonijiet taghha li kkumpensat *ex gratia* lill-atturi tad-danni sofferti minnhom. Izda ma ngabet l-ebda prova min-naha taghha li l-pagamenti li ghamlet kienu fil-fatt *ex gratia*. L-ebda rcevuta jew dokument li jindika li l-pagament taht il-*Personal Accident Policy* sar biss *ex gratia*, jew li sar taht xi forma ta' kondizzjonijiet. Fis-sottomissjonijiet tieghu l-abbli difensur tal-Korporazzjoni konvenuta ghamel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta' Ottubru 1994 fl-ismijiet **Gaspare Xuereb vs Sammy Meilaq et noe** u sostna li a bazi ta' dik is-sentenza rrizulta li l-attur f'dik il-kawza ma setax jippretendi bi dritt li jithallas taht il-*Personal Accident Insurance Policy*. Li effettivament qalet il-Qorti f'dik il-kawza kien li *"l-attur ma ressaq ebda provi konkreti dwar l-ezistenza tal-polza minnu allegata. U ladarba l-istess polza lanqas biss ma hija esibita fl-atti, il-Qorti tistaqsi kif jista' wiehed jiddetermina jekk l-attur kienx kopert jew le dwar l-incident mertu tal-kawza taht il-kondizzjonijiet tal-polza?"* Fil-kaz odjern hija l-*Malta Drydocks* li qed tinvoka l-polza izda naqset hi stess milli tipproduciha. Ghalhekk fl-assenza ta' provi m'ghandha titnaqqas l-ebda somma mill-ammont likwidat bhala *lucrum cessans*.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Stork Services BV kif rapprezentata mill-kuraturi deputati Dottor Yana Micallef Stafrace LL.D. u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici u tilliberahom nomine mill-osservanza tal-gudizzju, izda tilqa' t-talbiet fil-konfront tal-konvenuta *Malta Drydocks,* u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-incident fatali li gara fl-4 ta' Dicembru 1989 gol-bacir numru sitta (6) tat-Tarzna, gara tort tal-Korporazzjoni konvenuta *Malta Drydocks* li ghalhekk hija responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala eredi, aventi kawza u dipendenti tal-mejjet zewgha u missierhom rispettivament,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm26,363,

(3) tikkundanna lill-Korporazzjoni *Malta Drydocks* thallas lill-atturi s-somma ta' Lm26,363 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess Korporazzjoni konvenuta *Malta Drydocks*.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur